Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1821

28.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1821

tas-27 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1018 li jistabbilixxi lista ta' klassifikazzjoni tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li għandhom jiġu rrapportati b'mod mandatorju, fir-rigward tas-Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS), l-okkorrenzi tal-U-space, l-okkorrenzi tal-Parti IS, u t-tneħħija ta' ċerti okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni mir-rekwiżiti ta' rapportar mandatorju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) Nru 376/2014, il-Kummissjoni hija meħtieġa tadotta lista li tikklassifika l-okkorrenzi li għandha ssir referenza għalihom meta jiġu rapportati l-okkorrenzi, skont sistemi ta' rapportar obbligatorju stabbiliti f'dak ir-Regolament, u li jidħlu fil-kategoriji tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1018 ([2]) jistabbilixxi lista li tikklassifika l-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li jeħtieġu rapportar mandatorju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014.

(3) L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 ([3]) imwettqa mill-Kummissjoni fl-2020 ikkonkludiet li filwaqt li l-okkorrenzi li jinvolvu sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord ("UAS") jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, hija meħtieġa ċarezza fir-rigward ta' x'jikkostitwixxi okkorrenzi rapportabbli b'mod obbligatorju.

(4) Bħalissa hemm biżżejjed esperjenza operazzjonali b'okkorrenzi tal-UAS biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' riskji sinifikanti potenzjali għas-sikurezza tal-avjazzjoni u biex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti ta' rapportar xierqa.

(5) Minħabba d-differenzi teknoloġiċi u operazzjonali bejn l-UAS u l-inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ, jenħtieġ li jiġi inkluż Anness separat għall-UAS biex jinkludi okkorrenzi speċifiċi pertinenti għall-operazzjonijiet tal-UAS biex jiddistingwi okkorrenzi uniċi għall-UAS filwaqt li tinżamm l-integrità tal-klassifikazzjonijiet eżistenti għall-inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ.

([1]) ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/376/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1018 tad-29 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi lista ta' klassifikazzjoni tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li għandhom jiġu rapportati b'mod mandatorju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 163, 30.6.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1018/oj).

([3]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili (SWD (2021) 30 final), https://transport.ec.europa.eu/news-events/news/aviation-safety-evaluation-confirms-continued-relevance-eu-rules-follow-procedures-following-safety-2021-02-18_en?prefLang=mt&etrans=mt.

(6) Ir-rapportar obbligatorju tal-okkorrenzi relatati mal-operat tal-UAS jenħtieġ li jkun limitat għal dawk l-operazzjonijiet tal-UAS li jippreżentaw riskju sinifikanti għas-sikurezza tal-avjazzjoni, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Skont l-Artikolu 56(1) u (5) ta' dak ir-Regolament, l-operazzjonijiet tal-UAS li jeħtieġu ċertifikat jew dikjarazzjoni għaddisinn għandhom profil tar-riskju intrinsikament ogħla minħabba ambjenti operazzjonali kumplessi, inġenji tal-ajru bi prestazzjoni ogħla, jew interazzjonijiet mal-avjazzjoni bl-ekwipaġġ. Tali operazzjonijiet tal-UAS jirrikjedu li l-okkorrenzi relatati mas-sikurezza jiġu rrapportati b'mod mandatorju, biex jiġu żgurati l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji.

(7) B'kuntrast ma' dan, l-operazzjonijiet tal-UAS li ma jeħtiġux ċertifikat jew dikjarazzjoni huma esklużi mir-rapportar tal-lista ta' okkorrenzi. Dan l-approċċ immirat jiżgura li l-obbligi ta' rapportar jibqgħu proporzjonati mal-livell ta' riskju filwaqt li jinżamm l-allinjament mal-qafas eżistenti tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni.

(8) Huwa importanti li jitqiesu wkoll ir-riskji f'xenarji ġodda, bħall-operazzjonijiet tal-UAS fl-ispazju tal-ajru tal-U-space ([5]). Minħabba n-natura tar-riskju tal-operazzjonijiet tal-U-space, b'mod partikolari f'ambjenti urbani u b'popolazzjoni densa, l-okkorrenzi bħal kolliżjoni jew telf ta' kontroll jistgħu joħolqu theddida sinifikanti għas-sikurezza tal-persuni u tal-proprjetà fuq l-art, kif ukoll għal utenti oħra tal-ispazju tal-ajru. Iż-żieda mistennija fl-operazzjonijiet tal-UAS fi ħdan l-U-space tikkomplika dawn ir-riskji, u tagħmel ir-rapportar kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 376/2014, essenzjali għall-identifikazzjoni f'waqtha tal-perikli, il-mitigazzjoni tar-riskju, u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 jirrikjedi b'mod espliċitu r-rapportar ta' xi okkorrenzi tal-avjazzjoni relatati mas-sigurtà li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tal-operazzjonijiet. Bħala tali, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1018 jinkludi okkorrenzi relatati mas-sigurtà skont l-Annessi tiegħu. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2026/247 ([6]) stabbilixxa l-mekkaniżmu u l-proċess għar-rapportar, il-klassifikazzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin, il-protezzjoni, l-analiżi u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni dwar inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' atti ta' interferenza illegali, fil-livell tal-UE. Fid-dawl ta' din is-sistema ta' rappurtar tal-okkorrenzi tas-sigurtà tal-UE, ġie kkunsidrat li jitneħħew xi okkorrenzi relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni li huma indirizzati aħjar mill-awtoritajiet tas-sigurtà.

(10) Xi okkorrenzi ta' sigurtà (eż. nirien, interferenza bil-laser) għandhom implikazzjonijiet doppji ta' sikurezza u sigurtà, u jenħtieġ li jiġu rrapportati kemm lill-awtoritajiet tas-sikurezza kif ukoll lil dawk tas-sigurtà skont l-oqfsa leġiżlattivi rispettivi. Dan ir-rapportar doppju jitqies meħtieġ, peress li r-rapportar dwar is-sikurezza biss jista' jipprevjeni li din l-informazzjoni tintuża għal skopijiet ta' sigurtà, li jeħtieġ li tkun disponibbli malajr kemm jista' jkun min-naħa tas-sigurtà. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 jirrestrinġi l-użu tad-data dwar l-okkorrenzi rrapportata biss għat-titjib fis-sikurezza, u jipprojbixxi l-kondiviżjoni ma' persuni oħra, inklużi l-awtoritajiet tas-sigurtà.

(11) Ir-rapportar dwar theddid ta' bombi jew ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru, l-okkorrenzi relatati mas-sigurtà ta' ajrudrom u dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regoli li jikkonċernaw ir-rikonċiljazzjoni ta' bagalji jew ta' passiġġieri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1018 jenħtieġ li jinżamm sakemm id-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar tal-okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni stabbiliti fil-punt 19 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2026/247 jibdew japplikaw fl-1 ta' Jannar 2028.

(12) Peress li l-inċidenti tas-sigurtà tal-informazzjoni jistgħu jaffettwaw il-funzjonament normali u sikur tas-sistemi, tat-tagħmir u tal-infrastruttura diġitali, l-okkorrenzi ġeneriċi tas-sigurtà tal-informazzjoni ġew miżjuda fil-lista ta' okkorrenzi li għandhom jiġu rrapportati.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/664 tat-22 ta' April 2021 dwar qafas regolatorju għall-U-space (ĠU L 139, 23.4.2021, p. 161, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/664/oj).

([6]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2026/247 tat-2 ta' Frar 2026 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L, 2026/247, 3.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/247/oj).

(13) Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur u affidabbli kontinwu tas-sistemi, tat-tagħmir u tal-infrastruttura diġitali, ċerti okkorrenzi tas-sigurtà tal-informazzjoni jridu jiġu rrapportati fil-qafas tar-rapportar tal-okkorrenzi tas-sikurezza. Filwaqt li mhux l-avvenimenti kollha tas-sigurtà tal-informazzjoni (eż. attakki intenzjonati kontra sistemi u data kritiċi) jaqgħu f'dan il-kamp ta' applikazzjoni, inċidenti aċċidentali jew mhux intenzjonati (bħal infezzjonijiet tal-malware, informazzjoni jew data kompromessa, jew tfixkil fis-sistema kkawżat minn fallimenti tas-sigurtà) jistgħu joħolqu riskji għas-sikurezza u jeħtieġu investigazzjoni biex tiġi evitata r-rikorrenza. Għalhekk, ġiet inkluża referenza wiesgħa u ġenerika biex jinqabdu okkorrenzi bħal dawn mingħajr dettall preskrittiv.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1018 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness I huwa sostitwit bl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) l-Anness II huwa sostitwit bl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(3) l-Anness III huwa sostitwit bl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness IV huwa sostitwit bl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(5) l-Anness V huwa sostitwit bl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(6) it-test stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness VI.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS I

OKKORRENZI RELATATI MAL-OPERAZZJONI TA' INĠENJI TAL-AJRU BI BDOT ABBORD

Rimarka: Dan l-Anness huwa strutturat b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

1. OPERAZZJONIJIET TAL-AJRU

1.1. **Preparazzjoni tat-titjira**

(1) Użu ta' data skorretta jew entrati żbaljati fit-tagħmir użat għan-navigazzjoni jew kalkoli tal-prestazzjoni li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(2) Ġarr jew tentattiv ta' ġarr ta' oġġetti perikoluži meta dan ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjonijiet applikabbli inkluži t-tikkettar, l-imballaġġ u l-maniġġ ta' oġġetti perikoluži b'mod skorrett.

1.2. **Ħejjija tal-inġenju tal-ajru**

(1) Tip skorrett ta' fjuwil/enerġija jew fjuwil ikkontaminat.

(2) Trattament għat-tneħħija tas-silġ/ta' kontra s-silġ nieqes, skorrett jew inadegwat.

1.3. **Qtugħ mill-art u nżul l-art**

(1) Ħruġ mit-taxiway jew mir-runway.

(2) Inkursjoni attwali jew potenzjali fuq it-taxiway jew ir-runway.

(3) Inkursjoni fiż-Żona ta' Tlugħ u ta' Avviċinament Finali (FATO).

(4) Kwalunkwe qtugħ mill-art miċħud.

(5) Inabbiltà li tinkiseb il-prestazzjoni meħtieġa jew mistennija matul il-qtugħ mill-art, id-dawrien jew l-inżul l-art.

(6) Qtugħ mill-art, avviċinament jew inżul l-art attwali, jew tentattiv biex isir dan, b'issettjar tal-konfigurazzjoni skorrett.

(7) Ħabta mad-denb, mal-pala/xifer tal-ġewnaħ jew mal-gondola matul il-qtugħ mill-art jew l-inżul l-art.

(8) Avviċinament li tkompla kontra l-kriterji tal-avviċinament stabilizzat tal-operatur tal-ajru.

(9) Kontinwazzjoni ta' avviċinament strumentali taħt il-minimi ppubblikati b'referenzi viżivi inadegwati.

(10) Inżul l-art ta' prekawzjoni jew furzat.

(11) Inżul l-art qasir u twil.

(12) Inżul l-art bis-saħħa.

1.4. **Kwalunkwe fażi tat-titjira**

(1) Telf tal-kontroll.

(2) Instabbiltà tal-inġenju tal-ajru, bi skorriment tal-attitudni tal-piċċ, tal-angolu ta' inklinazzjoni laterali jew tal-veloċità fl-ajru normali mhux adattat għall-kundizzjonijiet.

(3) Devjazzjoni fil-livell tat-titjira.

(4) Attivazzjoni ta' kwalunke protezzjoni tal-envelopp tat-titjira, inkluži twissija ta' stalljar, vibratur tal-istikka ta' kontroll, imbuttatur tal-istikka ta' kontroll u protezzjonijiet awtomatiċi.

(5) Devjazzjoni mhux intenzjonata mit-trajettorja intenzjonata jew assenjata tal-inqas minn darbtejn tal-prestazzjoni tan-navigazzjoni meħtieġa jew 10 mili nawtiċi.

(6) Skorriment tal-limitazzjoni manwali tat-titjira tal-inġenju tal-ajru.

(7) Operazzjoni b'issettjar skorrett tal-altimetru.

(8) Okkorrenzi ta' blast tal-ġett jew tranja tar-rotor jew tal-iskrun li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(9) Miżinterpretazzjoni tal-modalità awtomatizzata jew ta' kwalunkwe informazzjoni tal-kabina tal-ekwipaġġ fornuta lill-ekwipaġġ tat-titjira li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

1.5. **Tipi ta' okkorrenzi oħrajn**

(1) Rilaxx mhux intenzjonat ta' merkanzija jew tagħmir ieħor li jinġarr fuq barra.

(2) Telf ta' għarfien tas-sitwazzjoni (inkluż telf tal-għarfien tal-ambjent, tal-modalità u tas-sistema, diżorjentazzjoni spazjali, u telf tal-kunċett ta' ħin).

(3) Kwalunkwe okkorrenza fejn il-prestazzjoni tal-bniedem tkun ikkontribwiet direttament jew setgħet tikkontribwixxi għal aċċident jew inċident serju.

2. OKKORRENZI TEKNIĊI

2.1. **Struttura u sistemi**

(1) Telf ta' kwalunkwe parti tal-istruttura tal-inġenju tal-ajru matul it-titjira.

(2) Telf ta' sistema.

(3) Telf tar-ridondanza ta' sistema.

(4) Tnixxija ta' kwalunkwe fluwidu li rriżultat f'periklu ta' nirien jew f'kontaminazzjoni possibbilment perikoluża tal-istruttura, tas-sistemi jew tat-tagħmir tal-inġenju tal-ajru, jew li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(5) Ħsarat jew difetti fis-sistema tal-fjuwil, li affettwaw il-provvista u/jew id-distribuzzjoni tal-fjuwil.

(6) Ħsara jew difett ta' kwalunkwe sistema ta' indikazzjoni meta dan jirriżulta f'indikazzjonijiet li jimmiżgwidaw lill-ekwipaġġ.

(7) Funzjonament anormali tal-kontrolli tat-titjira bħal kontrolli tat-titjira asimetriċi jew imwaħħlin/iġġammjati (pereżempju: irfigħ (flaps/slats), reżistenza tal-arja (spoilers), apparati tal-kontroll tal-pożizzjoni (ailerons, elevaturi, tmun)).

2.2. **Propulsjoni (inklużi magni, skrejjen u sistemi tar-rotor) u Unitajiet ta' Potenza Awżiljarja (APUs)**

(1) Falliment jew ħsara sinifikanti ta' kwalunkwe parti jew tal-kontroll ta' skrun, rotor jew powerplant.

(2) Dannu fir-rotor prinċipali/tad-denb jew fis-sistemi tat-trażmissjoni u/jew f'sistemi ekwivalenti, jew il-falliment tagħhom.

(3) Flameout, matul l-għeluq ta' titjira ta' kwalunkwe magna jew APU meta meħtieġa (pereżempju: Operazzjonijiet b'Ħin ta' Devjazzjoni Estiż (EDTO), Lista tat-Tagħmir Minimu (MEL)).

(4) Magna li topera limitazzjoni ta' skorriment, inkluż veloċità eċċessiva jew inabbiltà li tiġi kkontrollata l-veloċità ta' kwalunkwe komponent ta' rotazzjoni b'veloċità għolja (pereżempju: APU, air starter, magna li tiċċirkola l-arja, mutur tat-turbini tal-arja, skrun jew rotor).

(5) Falliment jew ħsara ta' kwalunkwe parti ta' magna, powerplant, APU jew trażmissjoni li jirriżulta f'waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) is-sistema tal-forza propulsiva invertita tonqos milli topera kif suppost;

(b) inabbiltà li jiġu kkontrollati l-qawwa, il-forza propulsiva jew rpm (revoluzzjonijiet kull minuta);

(c) nuqqas ta' kontenjment ta' komponenti/frak.

3. INTERAZZJONI MA' SERVIZZI TAN-NAVIGAZZJONI BL-AJRU (ANS) U ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU (ATM)

(1) Awtorizzazzjoni mhux sikura tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (ATC).

(2) Telf prolongat ta' komunikazzjoni mal-Unità tas-Servizz tat-Traffiku tal-Ajru (ATS).

(3) Struzzjonijiet konfliġġenti minn Unitajiet tal-ATS differenti li potenzjalment jistgħu jwasslu għal telf ta' separazzjoni.

(4) Miżinterpretazzjoni tal-komunikazzjoni bir-radju li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(5) Devjazzjoni intenzjonata minn struzzjoni tal-ATC li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(6) Inkontru ma' inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord waqt tranżitu minn spazju tal-ajru tal-U-Space ([1]).

4. EMERĠENZI U SITWAZZJONIJIET KRITIĊI OĦRAJN

(1) Kwalunkwe avveniment li jwassal għad-dikjarazzjoni ta' emerġenza ("MAYDAY") jew stat ta' urġenza (sejħa "PAN").

(2) Kwalunkwe ħruq, tidwib, duħħan, dħaħen, arcing, tisħin żejjed, nar jew splużjoni.

(3) Arja kkontaminata fil-kabina tal-ekwipaġġ jew fil-kompartiment tal-passiġġieri li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(4) Nuqqas ta' applikazzjoni korretta tal-proċedura mhux normali jew ta' emerġenza mill-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-kabina biex jindirizzaw emerġenza.

(5) Użu ta' kwalunkwe tagħmir ta' emerġenza jew proċedura mhux normali li taffettwa l-prestazzjoni matul it-titjira jew fl-inżul l-art.

(6) Falliment ta' kwalunkwe sistema jew tagħmir ta' emerġenza jew ta' salvataġġ li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(7) Pressjoni tal-kabina inkontrollabbli.

(8) Kwantità tal-fjuwil/enerġija baxxa b'mod kritiku jew kwantità tal-fjuwil/enerġija fid-destinazzjoni inqas mir-riżerva finali meħtieġa tal-fjuwil/enerġija.

(9) Kwalunkwe użu tas-sistema tal-ossiġenu tal-ekwipaġġ mill-ekwipaġġ.

(10) Inkapaċità ta' kwalunkwe membru tat-titjira jew tal-ekwipaġġ tal-kabina li tirriżulta fi tnaqqis taħt il-komplement minimu ta' ekwipaġġ iċċertifikat.

(11) Eżawriment tal-ekwipaġġ li għandu impatt jew potenzjalment jista' jkollu impatt fuq l-abbiltà tagħhom li jwettqu dmirijiethom fit-titjira b'mod sikur.

5. AMBJENT ESTERN U METEOROLOĠIJA

(1) Kolliżjoni jew kważi kolliżjoni fuq l-art jew fl-ajru, ma' inġenju tal-ajru ieħor, terren jew ostaklu ([2]).

(2) Sistema għall-Evitar ta' Kolliżjonijiet fl-Ajru, Avviż ta' Riżoluzzjoni (ACAS RA).

(3) Attivazzjoni ta' sistema ġenwina ta' kolliżjoni mal-art bħal "twissija" tas-Sistema ta' Twissija ta' Qrubija lejn l-Art (GPWS)/Sistema ta' Għarfien u ta' Twissija tat-Terren (TAWS).

(4) Ħabta ma' organiżmi selvaġġi inkluża ħabta ma' għasfur.

(5) Dannu/Fdalijiet ta' Oġġetti Barranin (FOD).

(6) Inkontru mhux mistenni ma' kundizzjonijiet ħżiena tas-superfiċe tar-runway.

(7) Inkontri ma' turbolenza tar-radda.

(8) Interferenza mal-inġenju tal-ajru minn armi tan-nar, logħob tan-nar, tajriet li jkunu qegħdin itiru, illuminazzjoni bil-laser, dwar ta' potenza qawwija, lasers, Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord ([3]) (UAS) jew b'mezzi simili.

(9) Leħħa ta' sajjetta li rriżultat f'dannu fl-inġenju tal-ajru jew telf jew ħsara ta' kwalunkwe sistema ta' inġenju tal-ajru.

(10) Inkontru ma' borra li rriżulta f'dannu fl-inġenju tal-ajru jew telf jew ħsara ta' kwalunkwe sistema ta' inġenju tal-ajru.

([1]) F'konformità mal-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/664, "'spazju tal-ajru tal-U-space' tfisser żona ġeografika tal-UAS iddeżinjata mill-Istati Membri, fejn l-operazzjonijiet tal-UAS jitħallew isiru biss bl-appoġġ ta' servizzi tal-U-space".

([2]) L-ostaklu jinkludi vettura.

([3]) F'konformità mal-Artikolu 3, punt (3), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/945/oj), "'sistema tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord' ('UAS') tfisser inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (30), tar-Regolament (UE) 2018/1139, u l-unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ tiegħu".

(11) Inkontru ma' turbolenza severa jew kwalunkwe inkontru li jirriżulta f'korriment għall-okkupanti jew li jitqies li jeħtieġ "verifika tat-turbolenza" tal-inġenju tal-ajru.

(12) Inkontru ma' gradjent tar-riħ sinifikanti jew maltempata bir-ragħad li pperikolat jew setgħet ipperikolat l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(13) Inkontru ma' silġ li jirriżulta f'diffikultajiet fil-maniġġ, dannu lill-inġenju tal-ajru jew telf jew ħsara ta' kwalunkwe sistema ta' inġenju tal-ajru.

(14) Inkontru ma' rmied volkaniku.

6. SIGURTÀ

(1) Diffikultà biex jiġu kkontrollati passiġġieri intossikati, vjolenti jew li ma jġibux ruħhom sew.

(2) Sejba ta' passiġġier klandestin.

(3) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni minn software malizzjuż, Ċaħda tas-Servizzi Distribwita (DDoS)).

(4) Theddida ta' bomba jew ħtif (applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2027)."

ANNESS II

"ANNESS II

OKKORRENZI RELATATI MA' KUNDIZZJONIJIET TEKNIĊI, MANUTENZJONI U TISWIJA TAL-INĠENJU TAL-AJRU

Rimarka: L-okkorrenzi elenkati f'dan l-Anness huma rilevanti wkoll għall-UAS li għalihom huwa meħtieġ ċertifikat jew dikjarazzjoni għad-disinn skont l-Artikolu 56(1) u (5) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

1. MANIFATTURA

Prodotti, partijiet jew tagħmir rilaxxati mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni b'devjazzjonijiet mid-data applikabbli tad-disinn li tista' twassal għal kundizzjoni potenzjalment mhux sikura kif identifikat mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jew l-approvazzjoni tad-disinn.

2. DISINN

Kwalunkwe falliment, ħsara, difett jew okkorrenza oħra relatata ma' prodott, parti jew tagħmir li rriżultaw jew jistgħu jirriżultaw f'kundizzjoni mhux sikura.

Rimarka: Din il-lista hija applikabbli għal okkorrenzi li jokkorru fuq prodott, parti, tagħmir jew mill-Unità tal-Kontroll u Moniteraġġ (CMU) ([1]), kopert miċ-ċertifikat tat-tip, ċertifikat tat-tip ristrett, ċertifikat tat-tip supplimentari, awtorizzazzjoni ETSO, approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija kbira jew kwalunkwe approvazzjoni rilevanti oħra kkunsidrata li tkun inħarġet skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ([2]).

3. MANUTENZJONI U ĠESTJONI KONTINWA TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

(1) Dannu strutturali serju (pereżempju: xquq, deformazzjoni permanenti, delaminazzjoni, debonding, ħruq, użu eċċessiv, jew korrużjoni) misjuba matul il-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru jew ta' komponent.

(2) Tnixxija serja jew kontaminazzjoni ta' fluwidi (pereżempju: fluwidi idrawliċi, fjuwil, żejt, gass jew oħrajn).

(3) Falliment jew ħsara ta' kwalunkwe parti ta' magna jew powerplant u/jew trażmissjoni li jirriżultaw f'waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) nuqqas ta' konteniment ta' komponenti/frak;

(b) falliment tal-istruttura tal-muntatur tal-magna.

(4) Dannu, falliment jew difett fi skrun, li jistgħu jwasslu għal separazzjoni matul it-titjira tal-iskrun jew ta' kwalunkwe porzjon maġġuri ieħor tal-iskrun u/jew ħsarat fil-kontroll tal-iskrun.

(5) Dannu, falliment jew difett tal-gearbox/attachment tar-rotor prinċipali, li jista' jwassal għal separazzjoni matul it-titjira tal-assemblaġġ tar-rotor u/jew ħsarat fil-kontroll tar-rotor.

(6) Ħsara sinifikanti ta' sistema jew tagħmir tas-sikurezza kritiċi inkluż sistema jew tagħmir tal-emerġenza matul l-ittestjar tal-manutenzjoni jew nuqqas ta' attivazzjoni ta' dawn is-sistemi wara l-manutenzjoni, inkluż is-CMU.

(7) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni minn software malizzjuż, Ċaħda tas-Servizzi Distribwita (DDoS)).

(8) Assemblaġġ jew installazzjoni skorretti ta' komponenti tal-inġenju tal-ajru misjuba matul spezzjoni jew proċedura tat-test mhux intenzjonati għal dak l-iskop speċifiku.

([1]) F'konformità mal-Artikolu 3, punt 38, tar-Regolament (UE) 2019/945, "unità tal-kontroll u tal-moniteraġġ" ("CMU") tfisser it-tagħmir għall-kontroll u għall-moniteraġġ mill-bogħod tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (32) tar-Regolament (UE) 2018/1139".

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u tal-protezzjoni ambjentali tal-inġenji tal-ajru u tal-prodotti, tal-partijiet, tat-tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/748/oj).

(9) Valutazzjoni żbaljata ta' difett serju, jew nuqqas ta' konformità serju mal-Lista tat-Tagħmir Minimu (MEL) u l-proċeduri tal-Ġurnal ta' Abbord Tekniku.

(10) Dannu serju fis-Sistema tal-Interkonnessjoni tal-Wiring Elettriku (EWIS).

(11) Kwalunkwe difett f'parti kritika limitata b'perjodu taż-żmien taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha li jikkawża l-irtirar qabel it-tlestija taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħha.

(12) L-użu ta' prodotti, tagħmir mhux installat, komponenti jew materjali minn komponenti kritiċi mhux magħrufa, ta' oriġini suspettuża, jew li ma jistax isir servizz fuqhom.

(13) Data jew proċeduri ta' manutenzjoni qarrieqa, skorretti jew insuffiċjenti li jistgħu jwasslu għal żbalji sinifikanti ta' manutenzjoni, inkluża l-kwistjoni tal-lingwa.

(14) Kontroll jew applikazzjoni skorretti tal-limitazzjonijiet, tal-proċeduri jew tal-manutenzjoni skedata tal-inġenju tal-ajru, inkluża dik tas-CMU.

(15) Rilaxx ta' inġenju tal-ajru għas-servizz mill-manutenzjoni jew is-CMU fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità li tipperikola s-sikurezza tat-titjira.

(16) Dannu serju kkawżat f'inġenju tal-ajru, f'parti, jew fis-CMU matul attivitajiet ta' manutenzjoni minħabba manutenzjoni skorretta jew l-użu ta' tagħmir ta' appoġġ fl-art mhux adattat jew li ma jistax jingħata service li jirrikjedi azzjonijiet addizzjonali ta' manutenzjoni.

(17) Okkorrenzi identifikati ta' ħruq, tidwib, duħħan, arcing, tishin żejjed jew nar.

(18) Kwalunkwe okkorrenza fejn il-prestazzjoni umana, inkluż eżawriment tal-persunal, ikkontribwiet direttament jew setgħet tikkontribwixxi għal aċċident jew inċident serju.

(19) Ħsarat, kwistjonijiet ta' affidabbiltà jew ta' kwalità ta' reġistrazzjoni rikorrenti sinifikanti li jaffettwaw is-sistema ta' reġistratur tat-titjira (bħal sistema ta' reġistratur tad-data tat-titjira, sistema ta' reġistratur ta' kollegament tad-dejta jew sistema ta' reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota) jew nuqqas ta' informazzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat is-servizzabbiltà ta' sistema ta' reġistratur ta' titjira, inklużi dawk installati fis-CMU.

(20) L-użu jew l-użu potenzjali ta' konfigurazzjoni jew installazzjoni mhux approvata tas-CMU."

ANNESS III

"*ANNESS III*

OKKORRENZI RELATATI MA' SERVIZZI U FAĊILITAJIET TA' NAVIGAZZJONI BL-AJRU

Rimarka: Dan l-Anness huwa strutturat b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

1. OKKORRENZI RELATATI MAL-INĠENJU TAL-AJRU

(1) Kolliżjoni jew kważi kolliżjoni, fuq l-art jew fl-ajru, bejn inġenju tal-ajru u inġenju tal-ajru ieħor jew UAS, mat-terren jew ma' ostaklu ([1]), inkluża titjira kkontrollata li kważi taħbat mat-terren (kważi CFIT).

(2) Ksur tas-separazzjoni minima ([2]).

(3) Separazzjoni inadegwata ([3]).

(4) Sistema għall-Evitar ta' Kolliżjonijiet fl-Ajru, Avviż ta' Riżoluzzjoni (ACAS RA).

(5) Ħabta ma' organiżmi selvaġġi inkluża ħabta ma' għasfur.

(6) Ħruġ mit-taxiway jew mir-runway.

(7) Inkursjoni attwali jew potenzjali fuq it-taxiway jew ir-runway.

(8) Inkursjoni fiż-Żona ta' Tlugħ u ta' Avviċinament Finali (FATO).

(9) Devjazzjoni tal-inġenju tal-ajru mill-awtorizzazzjoni jew l-istruzzjonijiet tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (ATC).

(10) Devjazzjoni tal-inġenju tal-ajru mir-regolament applikabbli għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM):

(a) Devjazzjoni tal-inġenju tal-ajru minn proċeduri applikabbli ppublikati mill-ATM;

(b) Ksur tal-ispazju tal-ajru inkluża penetrazzjoni mhux awtorizzata tal-ispazju tal-ajru;

(c) Devjazzjoni mill-ġarr u l-operazzjonijiet tat-tagħmir tal-inġenju tal-ajru relatati mal-ATM, kif meħtieġ mir-regolamenti applikabbli.

(11) Il-penetrazzjoni tal-inġenju tal-ajru bi bdot abbord fi spazju tal-ajru attiv tal-U-space iddeżinjat fi spazju tal-ajru kkontrollat.

(12) Okkorrenzi relatati ma' konfużjoni tas-sinjal tas-sejħa.

2. DEGRADAZZJONI JEW TELF TOTALI TA' SERVIZZI JEW TA' FUNZJONIJIET

(1) Inabbiltà ta' forniment ta' servizzi ATM jew ta' eżekuzzjoni ta' funzjonijiet ATM:

(a) Inabbiltà ta' forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jew ta' eżekuzzjoni ta' funzjonijiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;

(b) Inabbiltà ta' forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-ispazju tal-ajru jew ta' eżekuzzjoni ta' funzjonijiet ta' servizzi ta' ġestjoni tal-ispazju tal-ajru;

(c) Inabbiltà ta' forniment ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u servizzi tal-kapaċità jew ta' eżekuzzjoni ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u funzjonijiet tal-kapaċità.

(2) Inabbiltà li tiġi pprovduta jew eżegwita r-Rikonfigurazzjoni Dinamika tal-Ispazju tal-Ajru tal-U-space (DAR).

(3) Informazzjoni nieqsa jew skorretta, korrotta, inadegwata jew qarrieqa minn kwalunkwe servizz ta' appoġġ ([4]), inkluż dik marbuta ma' kundizzjonijiet dgħajfa tas-superfiċe tar-runway.

([1]) L-ostaklu jinkludi vettura.

([2]) Din tirreferi għal sitwazzjoni fejn is-separazzjoni minima preskritta ma nżammitx bejn l-inġenji tal-ajru jew bejn inġenju tal-ajru u l-ispazju tal-ajru fejn hija preskritta s-separazzjoni minima.

([3]) Fin-nuqqas tas-separazzjoni minima preskritta, sitwazzjoni li fiha l-inġenji tal-ajru ġew perċepiti li għaddew wisq qrib xulxin biex il-bdoti jiżguraw separazzjoni sikura.

([4]) Pereżempju: Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (ATS), Servizzi ta' Informazzjoni b'Terminal Awtomatiku (ATIS), servizzi meteoroloġiċi, bażijiet tad-data tan-navigazzjoni, mapep, ċarts, Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIS), manwali.

(4) Falliment ta' servizz ta' Komunikazzjoni.

(5) Falliment ta' servizz ta' Sorveljanza.

(6) Falliment ta' funzjoni jew ta' servizz tal-Ipproċessar u d-Distribuzzjoni tad-Data.

(7) Falliment ta' servizz ta' Navigazzjoni.

(8) Falliment ta' sistema tas-sigurtà tal-ATM li kellha jew seta' kellha impatt negattiv dirett fuq il-forniment sikur tas-servizz.

(9) Tagħbija eċċessiva sinifikanti tas-settur/pożizzjoni tas-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (ATS) li twassal għal deterjorament potenzjali fil-forniment tas-servizz.

(10) Riċeviment jew interpretazzjoni skorretta ta' komunikazzjonijiet sinifikanti, inkluż nuqqas ta' fehim tal-lingwa użata, fejn din kellha jew jista' jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq il-forniment sikur ta' servizz.

(11) Telf prolongat ta' komunikazzjoni ma' inġenju tal-ajru jew ma' unità ATS oħra.

3. OKKORRENZI OĦRAJN

(1) Dikjarazzjoni ta' emerġenza ("MAYDAY") jew stat ta' urġenza (sejħa "PAN").

(2) Interferenza esterna sinifikanti mas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (pereżempju Stazzjonijiet tax-Xandir bir-Radju li jittrasmettu fuq il-frekwenza FM, li jinterferixxu mas-Sistema għall-Illandjar bl-Istrumenti (ILS), mal-Medda tar-Radju Omnidirezzjonali bi Frekwenza Għolja Ħafna (VOR) u mal-komunikazzjoni).

(3) Interferenza ma' inġenju tal-ajru, unità ATS jew trażmissjoni ta' komunikazzjoni bir-radju inkluż permezz ta' armi tan-nar, logħob tan-nar, it-tajriet li jkunu qegħdin itiru, illuminazzjoni bil-laser, dwal b'potenza qawwija, lasers, Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS) jew b'mezzi simili.

(4) Rimi ta' fjuwil.

(5) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni minn software malizzjuż, Ċaħda tas-Servizzi Distribwita (DDoS)).

(6) Eżawriment li jkollu impatt jew li potenzjalment jista' jkollu impatt fuq l-abbiltà ta' prestazzjoni sikura tad-dmirijiet tan-navigazzjoni bl-ajru jew tat-traffiku tal-ajru.

(7) Kwalunkwe okkorrenza fejn il-prestazzjoni tal-bniedem tkun ikkontribwiet direttament jew setgħet tikkontribwixxi għal aċċident jew inċident serju.

(8) Theddida ta' bomba jew ħtif (applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2027)."

ANNESS IV

"ANNESS IV

OKKORRENZI RELATATI MAL-AJRUDROMI U S-SERVIZZI FUQ L-ART

1. ĠESTJONI TAS-SIKUREZZA TA' AJRUDROM

Rimarka: Din it-Taqsima hija strutturata b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

1.1. **Okkorrenzi relatati ma' inġenju tal-ajru u ma' ostaklu**

(1) Kolliżjoni jew kważi kolliżjoni, fuq l-art jew fl-ajru, bejn inġenju tal-ajru u inġenju tal-ajru ieħor, mat-terren jew ma' ostaklu ([1]).

(2) Ħabta ma' organiżmi selvaġġi inkluża ħabta ma' għasfur.

(3) Ħruġ mit-taxiway jew mir-runway.

(4) Inkursjoni attwali jew potenzjali fuq it-taxiway jew ir-runway.

(5) Inkursjoni fiż-Żona ta' Tlugħ u ta' Avviċinament Finali (FATO) jew ħruġ minnha.

(6) Nuqqas tal-inġenju tal-ajru jew tal-vettura li ssegwi awtorizzazzjoni, struzzjoni jew restrizzjoni filwaqt li tkun qed topera fiż-żona tal-moviment ta' ajrudrom (pereżempju: runway jew taxiway ħażina jew parti ristretta ta' ajrudrom).

(7) Oġġett barrani fiż-żona tal-moviment tal-ajrudrom li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(8) Preżenza ta' ostakli fl-ajrudrom jew fil-viċinat ta' ajrudrom li ma humiex pubblikati fil-Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIP) jew bl-Avviż lill-Avjaturi (NOTAM) u/jew li ma humiex immarkati jew mixgħula kif suppost.

(9) Interferenza minn vettura, tagħmir jew persuna waqt operazzjonijiet ta' push-back, power-back jew taxiing.

(10) Passiġġieri jew persuna mhux awtorizzata tħalliet mingħajr superviżjoni fuq ir-rampa.

(11) Blast tal-ġett, tranja 'l isfel tar-rotor jew effett tal-blast tal-iskrun.

(12) Dikjarazzjoni ta' emerġenza ("MAYDAY") jew stat ta' urġenza (sejħa "PAN").

1.2. **Degradazzjoni jew telf totali ta' servizzi jew funzjonijiet**

(1) Telf tal-komunikazzjoni jew falliment fil-komunikazzjoni bejn:

(a) Ajrudrom, vettura jew persunal fuq l-art ieħor u unità ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru jew unità ta' servizz ta' ġestjoni tar-rampa;

(b) Unità ta' servizz ta' ġestjoni tar-rampa u inġenju tal-ajru, vettura jew unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

(2) Falliment, ħsara jew difett sinifikanti tat-tagħmir jew sistema tal-ajrudrom li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru jew l-okkupanti tiegħu.

(3) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni minn software malizzjuż, Ċaħda tas-Servizzi Distribwita (DDoS)).

(4) Nuqqasijiet sinifikanti fit-tidwil, fl-immarkar jew fis-sinjali tal-ajrudrom.

(5) Falliment tas-sistema tal-alert ta' emerġenza tal-ajrudrom.

(6) Servizzi ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar mhux disponibbli skont ir-rekwiżiti applikabbli.

([1]) L-ostaklu jinkludi vettura.

1.3. **Okkorrenzi oħrajn**

(1) Nirien, duħħan, splużjonijiet fil-faċilitajiet, fil-viċinanżi u fit-tagħmir tal-ajrudrom li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(2) Operazzjonijiet UAS mhux awtorizzati fl-ajrudrom jew fl-inħawi tiegħu li jipperikolaw jew jistgħu jipperikolaw l-operazzjoni sikura ta' inġenji tal-ajru.

(3) Nuqqas ta' rapportar ta' bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet ta' operar tal-ajrudrom li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(4) Trattament għat-tneħħija tas-silġ/ta' kontra s-silġ nieqes, skorrett jew inadegwat.

(5) Tixrid sinifikanti matul l-operazzjonijiet tal-għoti tal-fjuwil.

(6) Għoti ta' fjuwil/enerġija jew fluwidi essenzjali (inklużi l-ossiġenu, in-nitroġenu, iż-żejt u l-ilma tajjeb għax-xorb) ikkontaminati jew tat-tip skorrett.

(7) Falliment fil-maniġġ ta' kundizzjonijiet ħżiena tas-superfiċe tar-runway.

(8) Kwalunkwe okkorrenza fejn il-prestazzjoni tal-bniedem tkun ikkontribwiet direttament jew setgħet tikkontribwixxi għal aċċident jew inċident serju.

(9) Okkorrenzi relatati mas-sigurtà tal-ajrudrom (pereżempju: dħul illegali, sabotaġġ, theddida ta' bomba) (applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2027).

2. SERVIZZI FUQ L-ART TA' INĠENJU TAL-AJRU

Rimarka: Din it-Taqsima hija strutturata b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

2.1. **Okkorrenzi relatati mal-inġenju tal-ajru u mal-ajrudrom**

(1) Kolliżjoni jew kważi kolliżjoni, fuq l-art jew fl-ajru, bejn inġenju tal-ajru u inġenju tal-ajru ieħor, mat-terren jew ma' ostaklu ([2]).

(2) Inkursjoni fuq ir-runway jew it-taxiway.

(3) Ħruġ mir-runway jew mit-taxiway.

(4) Kontaminazzjoni sinifikanti tal-istruttura, tas-sistemi u tat-tagħmir tal-inġenju tal-ajru li tirriżulta mill-ġarr ta' bagalji, posta jew merkanzija.

(5) Interferenza minn vettura, tagħmir jew persuna waqt operazzjonijiet ta' push-back, power-back jew taxiing.

(6) Oġġett barrani fiż-żona tal-moviment tal-ajrudrom li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(7) Passiġġieri jew persuna mhux awtorizzata tħalliet mingħajr superviżjoni fuq ir-rampa.

(8) Nirien, duħħan, splużjonijiet fil-faċilitajiet, fil-viċinanżi u fit-tagħmir tal-ajrudrom li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(9) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni tal-malware, DDoS).

(10) Okkorrenzi relatati mas-sigurtà tal-ajrudrom (pereżempju: dħul illegali, sabotaġġ, theddida ta' bomba) (applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2027).

2.2. **Degradazzjoni jew telf totali ta' servizzi jew funzjonijiet**

(1) Telf tal-komunikazzjoni jew falliment fil-komunikazzjoni mal-inġenju tal-ajru, mal-vettura, mal-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew l-unità tas-servizz ta' ġestjoni tar-rampa.

(2) Falliment, ħsara jew difett sinifikanti tat-tagħmir jew sistema tal-ajrudrom li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru jew l-okkupanti tiegħu.

(3) Nuqqasijiet sinifikanti fit-tidwil, fl-immarkar jew fis-sinjali tal-ajrudrom.

([2]) L-ostaklu jinkludi vettura.

2.3. **Okkorrenzi speċifiċi tas-servizzi fuq l-art**

(1) Maniġġ jew tlugħ abbord skorrett ta' passiġġieri, bagalji, posta jew merkanzija, li aktarx ikollhom effett sinifikanti fuq il-massa u/jew il-bilanċ tal-inġenju tal-ajru (inklużi żbalji sinifikanti fil-kalkoli tal-iskeda tat-tagħbija).

(2) Tneħħija tat-tagħmir tat-tlugħ abbord li twassal għal periklu għall-okkupanti tal-inġenju tal-ajru.

(3) Stivar jew irbit skorrett ta' bagalji, posta jew merkanzija li jistgħu b'xi mod jipperikolaw l-inġenju tal-ajru, it-tagħmir tiegħu jew l-okkupanti tiegħu jew li jimpedixxi l-evakwazzjoni f'emerġenza.

(4) Trasportar, tentattiv ta' trasportar jew trattament ta' oġġetti perikolużi li rriżultaw jew setgħu rriżultaw fl-ipperikolar tas-sikurezza tal-operazzjoni jew wasslu għal kundizzjoni mhux sikura (pereżempju: inċident jew aċċident ta' oġġetti perikolużi kif definit fl-Istruzzjonijiet Tekniċi tal-ICAO ([3])).

(5) Nuqqas ta' konformità mal-proċeduri meħtieġa tas-servizzi fuq l-art u l-għoti ta' service, speċjalment fil-proċeduri tat-tneħħija tas-silġ, riforniment tal-fjuwil, irriċarġjar jew tagħbija, inkluż l-ippożizzjonar skorrett jew it-tneħħija tat-tagħmir.

(6) Tixrid sinifikanti matul l-operazzjonijiet tal-għoti tal-fjuwil.

(7) Għoti ta' kwantitajiet skorretti ta' fjuwil/enerġija li jista' jkollu effett sinifikanti fuq id-durabbiltà, il-prestazzjoni, il-bilanċ jew is-saħħa strutturali tal-inġenju tal-ajru.

(8) Għoti ta' fjuwil/enerġija jew fluwidi essenzjali (inklużi l-ossiġenu, in-nitroġenu, iż-żejt u l-ilma tajjeb għax-xorb) ikkontaminati jew tat-tip skorrett.

(9) Falliment, ħsara jew difett fit-tagħmir ta' fuq l-art użat għas-servizzi fuq l-art, li jirriżulta f'dannu jew dannu potenzjali fl-inġenju tal-ajru (pereżempju: żbarra tal-irmonk jew l-Unità għall-Provvista tal-Elettriku mill-Art (GPU)).

(10) Trattament għat-tneħħija tas-silġ/ta' kontra s-silġ nieqes, skorrett jew inadegwat.

(11) Dannu fl-inġenju tal-ajru mit-tagħmir jew vetturi tas-servizzi fuq l-art inkluż dannu li ma ġiex irrapportat qabel.

(12) Kwalunkwe okkorrenza fejn il-prestazzjoni tal-bniedem tkun ikkontribwiet direttament jew setgħet tikkontribwixxi għal aċċident jew inċident serju.

(13) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni minn software malizzjuż, Ċaħda tas-Servizzi Distribwita (DDoS)).

(14) Nuqqas ta' konformità fir-rikonċiljazzjoni ta' bagalja jew passiġġier (applikabli sal-31 ta' Diċembru 2027)."

([3]) Struzzjonijiet Tekniċi għat-Trasportar Sikur ta' Oġġetti Perikolużi bl-Ajru (ICAO – Dok 9284).

ANNESS V

"ANNESS V

OKKORRENZI RELATATI MA' INĠENJI TAL-AJRU BI BDOT ABBORD ĦLIEF INĠENJI TAL-AJRU KUMPLESSI LI JAĦDMU BIL-MAGNI, INKLUŻI S-SAILPLANES U L-VETTURI EĦFEF MILL-ARJA

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "Inġenji tal-ajru ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni" tfisser kwalunkwe inġenju tal-ajru minbarra dak definit fil-punt (129) fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1020 ([1])

(b) "Sailplane" (glider) għandha t-tifsira assenjata fl-Artikolu 2, punt 117, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 ([2])

(c) "Vetturi eħfef mill-arja" għandha t-tifsira assenjata fil-punt ML10 tat-taqsima "Definizzjonijiet tat-termini użati f'din il-lista" tal-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])

1. INĠENJI TAL-AJRU BI BDOT ABBORD ĦLIEF INĠENJI TAL-AJRU KUMPLESSI LI JAĦDMU BIL-MAGNI ESKLUŻI S-SAILPLANES U L-VETTURI EĦFEF MILL-ARJA

Rimarka 1: Din it-Taqsima hija strutturata b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

Rimarka 2: Dan l-Anness V fih l-okkorrenzi u informazzjoni oħra relatata mas-sikurezza li għandhom jiġu rrapportati fl-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru bi bdot abbord ħlief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, eskluži s-sailplanes u l-vetturi eħfef mill-arja.

1.1. **Operazzjonijiet tal-ajru**

(1) Telf tal-kontroll mhux intenzjonat.

(2) Inżul l-art barra miż-żona tal-illandjar intenzjonata.

(3) Inabbiltà jew nuqqas li tinkiseb il-prestazzjoni meħtieġa tal-inġenju tal-ajru mistennija f'kundizzjonijiet normali matul il-qtugħ mill-art, it-tlugħ jew l-inżul l-art.

(4) Inkursjoni fuq ir-runway

(5) Ħruġ mir-runway.

(6) Kwalunkwe titjira li tkun twettqet b'inġenju tal-ajru li ma kienx ajrunavigabbli, jew li għalih il-preparazzjoni tat-titjira ma kinetx tlestiet, li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(7) Titjira mhux intenzjonata f'kundizzjonijiet tal-Kundizzjonijiet Meteoroloġiċi tal-Istrument (IMC) ta' inġenju tal-ajru mhux iċċertifikat skont ir-Regoli tat-Titjir bl-Istrumenti (IFR), jew minn bdot mhux ikkwalifikat għall-IFR, li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(8) Rilaxx mhux intenzjonat tal-merkanzija ([4]).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1020 tal-24 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' servizzi mediċi ta' emerġenza bil-ħelikopter, (ĠU L 137, 25.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1020/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/923/oj).

([3]) Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).

([4]) Din l-entrata tapplika biss għal operazzjonijiet kummerċjali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(24) tar-Regolament (KE) Nru 2018/1139. Skont dan, "trasport kummerċjali bl-ajru" tfisser l-operazzjoni ta' inġenju tal-ajru għat-trasport ta' passiġġieri, merkanzija jew tal-posta bi ħlas jew b'kunsiderazzjoni oħra ta' valur;"

1.2. **Okkorrenzi tekniċi**

(1) Vibrazzjoni severa anormali (pereżempju: "flutter" tal-aileron jew tal-elevatur, jew tal-iskrun).

(2) Kwalunkwe kontroll tat-titjira ma jaħdimx sew jew mhux imqabbad.

(3) Falliment jew deterjorament sostanzjali tal-istruttura tal-inġenju tal-ajru.

(4) Telf ta' xi parti tal-istruttura tal-inġenju tal-ajru matul it-titjira.

(5) Falliment ta' magna, rotor, skrun, sistema tal-fjuwil jew sistema essenzjali oħra.

(6) Tnixxija ta' kwalunkwe fluwidu li rriżultat f'periklu ta' nirien jew possibbilment kontaminazzjoni perikoluża tal-istruttura, is-sistemi jew it-tagħmir tal-inġenju tal-ajru jew riskju għall-okkupanti.

1.3. **Interazzjoni ma' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ġestjoni tat-traffiku tal-ajru**

(1) Interazzjoni mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (pereżempju: forniment ta' servizzi skorretti, komunikazzjonijiet konfliġġenti jew devjazzjoni mill-approvazzjoni) li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(2) Ksur tal-ispazju tal-ajru.

1.4. **Emerġenzi u sitwazzjonijiet kritiċi oħrajn**

(1) Kwalunkwe okkorrenza li twassal għal sejħa ta' emerġenza.

(2) Nirien, splużjoni, duħħan, gassijiet tossiċi jew dħaħen tossiċi fl-inġenju tal-ajru.

(3) Inkapaċitazzjoni tal-bdot li twassal għal inabbiltà li jwettaq kwalunkwe dmir.

1.5. **Ambjent estern u meteoroloġija**

(1) Kolliżjoni fuq l-art jew fl-ajru, ma' inġenju tal-ajru ieħor, mat-terren jew ma' ostaklu ([5]).

(2) Kważi kolliżjoni fuq l-art jew fl-ajru ma' inġenju tal-ajru ieħor, mat-terren jew ma' ostaklu ([6]) li tirrikjedi manuvra ta' evitar ta' emerġenza biex tiġi evitata kolliżjoni.

(3) Ħabta ma' organiżmi selvaġġi inkluża ħabta ma' għasfur li rriżultat f'dannu fl-inġenju tal-ajru jew telf jew ħsara ta' kwalunkwe servizz essenzjali.

(4) Interferenza mal-inġenju tal-ajru minn armi tan-nar, logħob tan-nar, tajriet li jkunu qegħdin itiru, illuminazzjoni bil-laser, dwal b'potenza qawwija, lasers, Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS) jew mezzi simili.

(5) Leħħa ta' sajjetta li tirriżulta f'dannu jew telf tal-funzjonijiet tal-inġenju tal-ajru.

(6) Inkontru ma' turbolenza severa li rriżultat f'korriment għall-okkupanti tal-inġenju tal-ajru jew fil-ħtieġa ta' kontroll ta' wara t-titjira tad-dannu mit-turbolenza fl-inġenju tal-ajru.

(7) Kopertura ta' silġ inkluża l-kopertura ta' silġ mal-karburatur li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

1.6. **Sigurtà tal-Informazzjoni**

(1) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni minn software malizzjuż, Ċaħda tas-Servizzi Distribwita (DDoS)).

1.7. **Okkorrenzi relatati mal-U-space**

(1) Penetrazzjoni fi spazju tal-ajru tal-U-space iddeżinjat fi spazju tal-ajru mhux ikkontrollat mingħajr apparat attiv ta' kospikwità elettronika ([7]).

(2) Ħsara sinifikanti, kwistjoni ta' affidabbiltà, jew kwistjoni rikorrenti ta' kwalità li taffettwa l-apparati jew l-installazzjonijiet tal-kospikwità elettronika.

(3) Inkontru mill-qrib ma' inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord waqt tranżitu fi spazju tal-ajru tal-U-space.

([5]) L-ostaklu jinkludi vettura.

([6]) L-ostaklu jinkludi vettura.

([7]) Kospikwità elettronika għall-inġenji tal-ajru bi bdot abbord fi spazju tal-ajru tal-U-space skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/666 tat-22 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space (ĠU L 139, 23.4.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/666/oj).

2. SAILPLANES (GLIDERS)

Rimarka: Din it-Taqsima hija strutturata b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

2.1. **Operazzjonijiet tal-ajru**

(1) Telf tal-kontroll mhux intenzjonat.

(2) Okkorrenza fejn il-bdot tas-sailplane ma kienx kapaċi jirrilaxxa l-kejbil tal-winċ jew il-ħabel tal-aerotow u kellu jagħmel dan billi juża proċeduri ta' emerġenza.

(3) Kwalunkwe rilaxx tal-kejbil tal-winċ jew tal-ħabel tal-aerotow jekk ir-rilaxx ipperikola jew seta' jipperikola s-sailplane, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(4) Fil-każ ta' sailplane bil-magna, falliment tal-magna matul il-qtugħ mill-art.

(5) Kwalunkwe titjira li tkun twettqet b'sailplane li ma kienx ajrunavigabbli, jew li għaliha l-preparazzjoni tat-titjira mhux kompluta pperikolat jew setgħet tipperikola s-sailplane, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

2.2. **Okkorrenzi tekniċi**

(1) Vibrazzjoni severa anormali (pereżempju: "flutter" tal-aileron jew tal-elevatur, jew tal-iskrun).

(2) Kwalunkwe kontroll tat-titjira ma jaħdimx sew jew mhux imqabbad.

(3) Falliment jew deterjorament sostanzjali fl-istruttura tas-sailplane.

(4) Telf ta' kwalunkwe parti tal-istruttura jew l-installazzjoni tas-sailplane matul it-titjira.

2.3. **Interazzjoni ma' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ġestjoni tat-traffiku tal-ajru**

(1) Interazzjoni mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (pereżempju: forniment ta' servizzi skorretti, komunikazzjonijiet konfliġġenti jew devjazzjoni mill-awtorizzazzjoni) li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw l-inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra.

(2) Ksur tal-ispazju tal-ajru.

2.4. **Emerġenzi u sitwazzjonijiet kritiċi oħrajn**

(1) Kwalunkwe okkorrenza li twassal għal sejħa ta' emerġenza.

(2) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-ebda żona tal-illandjar ma tkun għadha disponibbli.

(3) Nirien, splużjoni, duħħan, jew gassijiet jew dħaħen tossiċi fis-sailplane.

(4) Inkapaċitazzjoni tal-bdot li twassal għal inabbiltà li jwettaq kwalunkwe dmir.

2.5. **Ambjent estern u meteoroloġija**

(1) Kolliżjoni fuq l-art jew fl-ajru ma' inġenju tal-ajru, mat-terren jew ma' ostaklu ([8]).

(2) Kważi kolliżjoni, fuq l-art jew fl-ajru, ma' inġenju tal-ajru, mat-terren jew ma' ostaklu ([9]), li tirrikjedi manuvra ta' evitar ta' emerġenza biex tiġi evitata kolliżjoni.

(3) Interferenza mas-sailplane minn armi tan-nar, logħob tan-nar, tajriet li jkunu qegħdin itiru, illuminazzjoni bil-laser, dwal ta' potenza qawwija, lasers, Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS) jew b'mezzi simili.

(4) Leħħa ta' sajjetta li tirriżulta f'dannu għas-sailplane.

2.6. **Okkorrenzi relatati mal-U-space**

(1) Il-penetrazzjoni fi spazju tal-ajru tal-U-space iddeżinjat fi spazju tal-ajru mhux ikkontrollat mingħajr apparat attiv ta' kospikwità elettronika.

(2) Ħsara sinifikanti, kwistjoni ta' affidabbiltà, jew kwistjoni rikorrenti ta' kwalità li taffettwa l-apparati jew l-installazzjonijiet tal-kospikwità elettronika.

(3) Inkontru mill-qrib ma' inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord waqt tranżitu fi spazju tal-ajru tal-U-space.

([8]) L-ostaklu jinkludi vettura.
([9]) L-ostaklu jinkludi vettura.

3. VETTURI EĦFEF MILL-ARJA (BŻIEŻAQ U BLALEN TAL-ARJA)

Rimarka: Din it-Taqsima hija strutturata b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

3.1. **Operazzjonijiet tal-ajru**

(1) Kwalunkwe titjira li tkun twettqet b'vettura li hija eħfef mill-arja li ma kinetx ajrunavigabbli, jew li għaliha l-preparazzjoni tat-titjira mhux kompluta pperikolat jew setgħet tipperikola l-vettura eħfef mill-arja, l-okkupanti tagħha jew kwalunkwe persuna oħra.

(2) Tifi permanenti mhux intenzjonat tad-dawl pilota.

3.2. **Okkorrenzi tekniċi**

(1) Falliment ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet jew kontrolli li ġejjin: it-tubu ta' immersjoni fiċ-ċilindru tal-fjuwil, it-tarjola tal-envelopp, il-linja tal-kontroll, il-ħabel tal-irbit, tnixxija tas-siġill tal-valv fuq iċ-ċilindru tal-fjuwil, il-karabiner, dannu fil-linja tal-fjuwil, il-valv tal-gass tar-refgħa, l-envelopp jew il-ballonet, il-blower, il-valv tar-rilaxx tal-pressjoni (bużżieqa tal-gass), winċ (bżieżaq tal-gass marbutin).

(2) Tnixxija sinifikanti jew telf tal-gass tar-refgħa (pereżempju: porożità, valvi tal-gass tar-refgħa li ma jagħlqux sew).

3.3. **Interazzjoni ma' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ġestjoni tat-traffiku tal-ajru**

(1) Interazzjoni mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (pereżempju: forniment ta' servizzi skorretti, komunikazzjonijiet konfliġġenti jew devjazzjoni mill-awtorizzazzjoni) li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw il-vettura eħfef mill-arja, l-okkupanti tagħha jew kwalunkwe persuna oħra.

(2) Ksur tal-ispazju tal-ajru.

3.4. **Emerġenzi u sitwazzjonijiet kritiċi oħrajn**

(1) Kwalunkwe okkorrenza li twassal għal sejħa ta' emerġenza.

(2) Nirien, splużjoni, duħħan jew dħaħen tossiċi fil-vettura eħfef mill-arja (lil hinn mill-operat normali tal-berner).

(3) L-okkupanti tal-vettura eħfef mill-arja mormija mill-qoffa jew mill-gondola.

(4) Inkapaċitazzjoni tal-bdot li twassal għal inabbiltà li jwettaq kwalunkwe dmir.

(5) Refgħa jew tkaxkir mhux intenzjonati tal-ekwipaġġ tal-art, li jwassal għal fatalità jew korriment ta' persuna.

3.5. **Ambjent estern u meteoroloġija**

(1) Kolliżjoni jew kważi kolliżjoni fuq l-art jew fl-ajru, ma' inġenju tal-ajru, mat-terren jew ma' ostaklu ([10]) li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw il-vettura eħfef mill-arja, l-okkupanti tagħha jew kwalunkwe persuna oħra.

(2) Interferenza mal-vettura eħfef mill-arja minn armi tan-nar, logħob tan-nar, tajriet li jkunu qegħdin itiru, illuminazzjoni bil-laser, dwal ta' potenza qawwija, lasers, Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS) jew b'mezzi simili.

(3) Inkontru mhux mistenni ma' kundizzjonijiet avversi tat-temp li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw il-vettura eħfef mill-arja, l-okkupanti tagħha jew kwalunkwe persuna oħra.

3.6. **Okkorrenzi relatati mal-U-space**

(1) Il-penetrazzjoni fi spazju tal-ajru tal-U-space iddeżinjat fi spazju tal-ajru mhux ikkontrollat mingħajr apparat attiv ta' kospikwità elettronika.

(2) Ħsara sinifikanti, kwistjoni ta' affidabbiltà, jew kwistjoni rikorrenti ta' kwalità li taffettwa l-apparati jew l-installazzjonijiet tal-kospikwità elettronika.

(3) Inkontru mill-qrib ma' inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord waqt tranżitu fi spazju tal-ajru tal-U-space."

([10]) L-ostaklu jinkludi vettura.

ANNESS VI

"ANNESS VI

OKKORRENZI RELATATI MAL-OPERAZZJONI TAS-SISTEMA TAL-AJRU MINGĦAJR BDOT ABBORD (UAS)

Rimarka 1: Dan l-Anness huwa strutturat b'tali mod li l-okkorrenzi pertinenti huma marbutin mal-kategoriji tal-attivitajiet li matulhom jiġu osservati normalment, skont l-esperjenza, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' dawk l-okkorrenzi. Madankollu, din il-lista ma tridx tinftiehem li tfisser li l-okkorrenzi ma jridux jiġu rrapportati meta jseħħu barra mill-kategorija tal-attivitajiet li magħhom huma marbutin fil-lista.

Rimarka 2: Dan l-Anness fih l-okkorrenzi u informazzjoni oħra relatata mas-sikurezza li għandhom jiġu rrapportati fl-operat tal-UAS li għalihom huwa meħtieġ ċertifikat jew dikjarazzjoni għad-disinn skont l-Artikolu 56(1) u (5) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

Rimarka 3: L-okkorrenzi fl-ambjent tal-U-space elenkati fil-punt 6 għandhom jiġu rrapportati minn bdoti remoti u mill-operaturi tal-UAS meta jwettqu l-operazzjonijiet tagħhom fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.

1. OPERAZZJONIJIET TAL-AJRU

1.1. **Ippjanar tat-titjira u tħejjija tal-UAS**

(1) L-operazzjoni tal-UAS hija ppjanata f'volum operazzjonali li jiskorri l-limitazzjonijiet deskritti fl-awtorizzazzjonijiet maħruġa jew il-privileġġi taċ-ċertifikat ta' operatur ta' UAS Ħafifa (LUC).

(2) Ippjanar mhux xieraq tal-operazzjoni tal-UAS u l-miżuri ta' mitigazzjoni relatati, li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe persuna oħra (eżempju: il-proċeduri ta' kontinġenza u ta' emerġenza, il-volum operazzjonali, ir-Rekwiżit tal-Prestazzjoni tal-Mitigazzjoni Tattika (TMPR) ([1])).

(3) L-użu ta' data skorretta jew entrati żbaljati fl-UAS jew f'tagħmir użat għan-navigazzjoni jew għall-kalkoli tal-prestazzjoni li jwasslu għal ħsara fil-UAS jew il-falliment tagħha, li pperikola jew seta' jipperikola kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna.

(4) Konfigurazzjoni tal-UAS differenti mill-istruzzjonijiet definiti jew awtorizzati mill-manifattur jew mill-awtorità kompetenti (eżempju: tagħbija utli, konfigurazzjoni tas-software, eċċ.), li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna oħra.

(5) Ġarr jew tentattiv ta' ġarr ta' oġġetti perikoluži meta dan ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjonijiet applikabbli inklużi t-tikkettar, l-imballaġġ u l-maniġġ ta' oġġetti perikoluži b'mod skorrett.

(6) Sors tal-enerġija (inkluż fjuwil) skorrett, mhux adattat, jew degradat.

(7) Trattament nieqes, skorrett jew inadegwat għat-tneħħija tas-silġ/ta' kontra s-silġ.

1.2. **Qtugħ mill-art u nżul l-art – Operazzjonijiet minn/lejn ajrudromi jew vertiports**

(1) Inkursjoni fir-runway, inkursjoni fiż-Żona ta' Tlugħ u ta' Avviċinament Finali (FATO).

(2) Ħruġ mir-runway.

(3) Kwalunkwe qtugħ mill-art miċħud.

(4) Qtugħ mill-art, avviċinament jew inżul l-art attwali, jew tentattiv biex isir dan, b'issettjar tal-konfigurazzjoni skorrett.

(5) Ħabta mad-denb, mal-pala/xifer tal-ġewnaħ jew mal-gondola matul il-qtugħ mill-art jew l-inżul l-art.

(6) Okkorrenzi tal-blast tal-ġett jew tat-tranja 'l isfel/'il barra tar-rotor jew tal-iskrejjen li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna.

(7) Inżul l-art bis-saħħa, qasir u twil.

(8) Dannu/Fdalijiet ta' minn Oġġetti Barranin (FOD) jew kundizzjonijiet ħżiena tas-superfiċe tal-qtugħ mill-art u l-inżul l-art.

([1]) It-TMPR huma miżuri użati fil-valutazzjonijiet tar-riskju tad-droni sabiex jiġu evitati kolliżjonijiet f'nofs l-ajru billi jiġi indirizzat ir-riskju residwu tal-ajru.

1.3. **Qtugħ mill-art u nżul l-art – Operazzjonijiet barra mill-ajrudromi jew mill-vertiports**

(1) Qtugħ mill-art, inżul l-art barra miż-żona tal-illandjar intenzjonata.

(2) Miżuri ta' sigurtà u sikurezza mhux xierqa fiż-żona tal-art li pperikolaw jew setgħu jipperikolaw lil kwalunkwe persuna.

1.4. **Kwalunkwe fażi tat-titjira**

(1) Telf tal-kontroll tal-operazzjoni.

(2) Telf fit-tul ta' referenza viżiva għall-operazzjonijiet fi ħdan il-Linja Viżwali tal-Vista (VLOS) (eżempju: minħabba kundizzjonijiet jew ostakli meteoroloġiċi avversi).

(3) Telf ta' għarfien tas-sitwazzjoni (eżempju: inklużi l-kundizzjonijiet ambjentali, l-għarfien tal-modalità u tas-sistema, ammont ta' xogħol eċċessiv, diżorjentazzjoni spazjali, il-perjodu ta' żmien u interazzjoni mhux xierqa mat-tagħmir għall-kontroll mill-bogħod tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord (Unità tal-Kontroll u l-Moniteraġġ (CMU) ([2])).

(4) Ġestjoni ħażina tal-fjuwil jew tal-enerġija (eżempju: il-kwantità tal-fjuwil hija baxxa b'mod kritiku jew il-kwantità tal-fjuwil/enerġija fid-destinazzjoni hija inqas mir-riżerva finali meħtieġa tal-fjuwil/enerġija).

(5) Inabbiltà jew nuqqas li tinkiseb il-prestazzjoni meħtieġa tal-inġenju tal-ajru mistennija f'kundizzjonijiet normali, matul il-qtugħ mill-art, it-tlugħ jew l-inżul l-art.

(6) Skorriment tal-limitazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru ddefiniti mill-manifattur.

(7) Operazzjoni b'issettjar skorrett tal-altimetru.

(8) Interpretazzjoni ħażina tal-modalità awtomatizzata ta' funzjonament tal-UAS jew ta' kwalunkwe informazzjoni mis-CMU pprovduta lill-ekwipaġġ mill-bogħod li pperikolat jew setgħet tipperikola kwalunkwe inġenju tal-ajru, jew persuna.

(9) L-inabbiltà li tiġi trażmessa l-identifikazzjoni mill-bogħod jew l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru.

(10) Rilaxx mhux intenzjonat ta' merkanzija jew tagħmir ieħor li jinġarr fuq barra.

(11) Devjazzjonijiet mill-volum operazzjonali awtorizzat li jiskorru l-limitazzjonijiet deskritti fl-awtorizzazzjonijiet operazzjonali maħruġa jew il-privileġġi taċ-ċertifikat ta' operatur ta' UAS Ħafifa (LUC) jew tal-pjan tat-titjira awtorizzat tal-UAS, inklużi iżda mhux limitati għal:

(a) L-operazzjoni UAS ma hijiex awtorizzata fuq ġemgħat ta' nies;

(b) Ksur tal-ispazju tal-ajru.

(c) Ksur ta' żoni ġeografiċi, fejn l-operazzjonijiet tal-UAS ma humiex permessi, jew fejn ma tkunx inkisbet l-awtorizzazzjoni tat-titjira meħtieġa.

1.5. **Okkorrenzi addizzjonali għall-operazzjonijiet tal-UAS b'okkupanti abbord**

(1) Diffikultà fiżika, inkapaċitazzjoni tal-ekwipaġġ, li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna oħra.

(2) Arja kkontaminata fil-kabina tal-passiġġieri li pperikolat jew setgħet tipperikola lill-okkupanti tagħha jew lil kwalunkwe persuna oħra.

(3) Diffikultà biex jiġu kkontrollati passiġġieri intossikati, vjolenti jew li ma jġibux ruħhom sew.

(4) Sejba ta' passiġġier klandestin.

2. OKKORRENZI TEKNIĊI

2.1. **Struttura u sistemi**

(1) Telf ta' kwalunkwe parti tal-istruttura tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord matul it-titjira.

(2) Tnixxija ta' kwalunkwe fluwidu li rriżultat f'periklu ta' nirien jew possibiltà ta' kontaminazzjoni perikoluża tas-sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord, jew li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, jew kwalunkwe persuna oħra.

(3) Ħsara jew funzjonament anormali tal-kontrolli tat-titjir.

([2]) F'konformità mal-Artikolu 3, punt 38, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/945, "'unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ' ('CMU') tfisser it-tagħmir għall-kontroll u għall-monitoraġġ mill-bogħod tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (32), tar-Regolament (UE) 2018/1139".

(4) Ħsara, telf, jew degradazzjoni sinifikanti tal-link tal-kmand u l-kontroll, inklużi fallimenti li jaffettwaw id-disponibbiltà, il-prestazzjoni, il-kontinwità, l-integrità jew is-sikurezza tagħha, li pperikolat jew setgħet tipperikola kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna.

(5) Ħsara fis-sistema għall-evitar ta' kolliżjonijiet.

(6) Ħsara fis-sistema awtomatika ta' kontinġenza jew ta' emerġenza jew fis-sistema li tipprevjeni lill-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord milli joħroġ mill-volum operazzjonali (eżempju: ir-ritorn lejn il-punt tat-tluq, l-inżul l-art awtomatiku, il-geocaging, is-Sistema ta' Terminazzjoni tat-Titjiriet).

(7) Kwalunkwe falliment, telf, ħsara jew dannu ieħor tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew tas-sistemi tiegħu li pperikola jew seta' jipperikola kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna oħra.

(8) Kwalunkwe falliment, telf, ħsara jew dannu tas-CMU li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna oħra.

2.2. **Propulsjoni (inklużi magni, skrejjen u sistemi tar-rotor) u Unitajiet ta' Potenza Awżiljarja (APUs)**

(1) Flameout, tifi waqt it-titjira ta' kwalunkwe magna, jew telf ta' unitajiet tar-refgħa u tal-forza propulsiva jew tal-APU meta jkun meħtieġ.

(2) Skorriment tal-limitazzjoni tat-tħaddim tal-magna, inkluża l-veloċità eċċessiva jew l-inabbiltà li tiġi kkontrollata l-veloċità ta' kwalunkwe komponent li jdur b'veloċità għolja (eżempju: APU, air starter, magna li tiċċirkola l-arja, mutur tat-turbini tal-arja, skrun jew rotor).

(3) Falliment jew ħsara ta' kwalunkwe parti ta' magna, unitajiet tar-refgħa u tal-forza propulsiva, APU jew trażmissjoni li tirriżulta f'waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) Is-sistema tal-forza propulsiva invertita tonqos milli topera skont il-kmand;

(b) Inabbiltà li jiġu kkontrollati l-potenza, il-forza propulsiva jew l-rpm (revoluzzjonijiet kull minuta);

(c) Nuqqas ta' konteniment ta' komponenti/fdalijiet.

3. INTERAZZJONI MAL-ATM/ANS

(1) Awtorizzazzjoni jew struzzjonijiet mhux sikuri tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (ATC).

(2) Telf prolongat tal-komunikazzjoni mal-Unità tas-Servizz tat-Traffiku tal-Ajru (ATS).

(3) Struzzjonijiet konfliġġenti minn Unitajiet tal-ATS differenti li potenzjalment jistgħu jwasslu għal telf ta' separazzjoni.

(4) Miżinterpretazzjoni tal-komunikazzjoni bir-radju li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, jew kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor jew persuna oħra.

(5) Devjazzjoni intenzjonata mill-istruzzjoni tal-ATC li pperikolat jew setgħet tipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, jew kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor jew persuna oħra.

(6) Devjazzjoni fl-altitudni jew fil-livell tat-titjira.

4. EMERĠENZI U SITWAZZJONIJIET KRITIĊI OĦRAJN

(1) Kolliżjoni jew kważi kolliżjoni fuq l-art jew fl-ajru, ma' inġenju tal-ajru ieħor, mat-terren jew ma' ostaklu.

(2) Kwalunke manuvra ta' emergenza meħuda mill-UAS biex titwaqqaf kwalunkwe kolliżjoni fuq l-art jew fl-ajru, ma' inġenju tal-ajru ieħor, mat-terren jew ma' ostaklu.

(3) Avveniment li jwassal għad-dikjarazzjoni ta' emerġenza.

(4) Attivazzjoni ta' proċedura ta' emerġenza biex tintemm it-titjira.

(5) Nuqqas ta' applikazzjoni tal-proċeduri korretti ta' kontinġenza jew ta' emerġenza.

(6) Kwalunkwe ħruq, tidwib, duħħan, dħaħen, arcing, tishin żejjed, nar jew splużjoni fuq il-UAS.

(7) Kwalunkwe ħruq, tidwib, duħħan, dħaħen, arcing, tishin żejjed, nar jew splużjoni fuq is-CMU.

(8) Inkapaċità tal-ekwipaġġ mill-bogħod li jikkontrolla s-CMU li pperikolat jew setgħet tipperikola kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna.

5. AMBJENT ESTERN U METEOROLOĠIJA

(1) Kolliżjoni jew kważi kolliżjoni, fuq l-art jew fl-ajru, ma' inġenju tal-ajru ieħor, mat-terren jew ma' ostaklu

(2) Sistema għall-Evitar ta' Kolliżjonijiet fl-Ajru, Avviż ta' Riżoluzzjoni (ACAS RA).

(3) Attivazzjoni ta' sistema ġenwina ta' kolliżjoni mal-art bħal Sistema ta' Twissija ta' Qrubija lejn l-Art (GPWS)/Sistema ta' Għarfien u ta' Twissija tat-Terren (TAWS) "twissija".

(4) Ħabta ma' organiżmi selvaġġi inkluża ħabta ma' għasfur li tipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord.

(5) Dannu/Fdalijiet ta' Oġġetti Barranin (FOD).

(6) Inkontru mhux mistenni ma' kundizzjonijiet ħżiena tas-superfiċe tar-runway.

(7) Inkontri ma' turbolenza tar-radda li pperikolat jew setgħet tipperikola inġenju tal-ajru jew persuna.

(8) Interferenza mal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord minn armi tan-nar, logħob tan-nar, tajriet li jkunu qegħdin itiru, illuminazzjoni bil-laser, dwal ta' potenza qawwija, lasers, Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS), jew sistema ta' kontra l-UAS jew b'mezzi simili.

(9) Kwalunkwe kundizzjoni ambjentali severa li rriżultat f'dannu fl-inġenju tal-arju, f'diffikultajiet fil-maniġġ jew telf jew ħsara ta' kwalunkwe sistema ta' inġenju tal-arju (eżempji: leħħa ta' sajjetta, turbolenza severa, gradjent tar-riħ, kundizzjonijiet tas-silġ, irmied volkaniku, eċċ.).

6. OKKORRENZI RELATATI MAL-U-SPACE

(1) L-operazzjonijiet tal-UAS fi spazju tal-ajru tal-U-space li ma humiex konformi mal-kundizzjonijiet operazzjonali applikabbli u mal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru jew imwettqa b'sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord li ma tkunx konformi mal-kapaċitajiet u mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni meħtieġa tal-UAS.

(2) Informazzjoni, struzzjoni jew servizz nieqes, skorrett, ittardjat jew qarrieqi pprovdut minn Fornitur tas-Servizzi tal-U-space (USSP), li pperikola jew seta' jipperikola l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew kwalunkwe inġenju tal-ajru jew persuna oħra.

(3) Nuqqas ta' konformità mal-awtorizzazzjoni għat-titjira (eżempju: nuqqas ta' awtorizzazzjoni tat-titjira, nuqqas ta' attivazzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-titjira, devjazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tat-titjira fl-ispazju jew fil-ħin).

(4) Ħruġ mhux awtorizzat mill-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(5) Użu mhux xieraq tas-servizzi tal-U-space li jwassal għal telf ta' għarfien tas-sitwazzjoni.

(6) L-inabbiltà li tiġi eżegwita l-proċedura ta' Rikonfigurazzjoni Dinamika tal-Ispazju tal-Ajru (DAR).

(7) Spazju insuffiċjenti bejn l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord u kwalunkwe inġenju tal-ajru bi bdot abbord.

(8) Inkontru ma' inġenju tal-ajru bi bdot abbord fi spazju tal-ajru attiv tal-U-space iddeżinjat fi spazju tal-ajru kkontrollat.

(9) Inkontru ma' inġenju tal-ajru bi bdot abbord mhux konspikwu fl-ispazju tal-ajru tal-U-space iddeżinjat fi spazju tal-ajru mhux ikkontrollat.

(10) Inkontru ma' inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord mhux kooperattiv fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.

7. OKKORRENZI OĦRAJN

(1) Kwalunkwe okkorrenza fejn il-prestazzjoni umana, inklużi l-eżawriment tal-persunal u taħriġ/kwalifiki mhux xierqa tal-persunal tal-operatur u komunikazzjoni mhux xierqa bejn l-ekwipaġġ, li kkontribwiet direttament jew setgħet tikkontribwixxi għal aċċident jew inċident serju.

8. SIGURTÀ TAL-INFORMAZZJONI

(1) Imġiba anormali ta' sistema minħabba inċident ta' sigurtà tal-informazzjoni (eżempju: informazzjoni jew data kompromessa, infezzjoni minn software malizzjuż, Ċaħda tas-Servizzi Distribwita (DDoS)).”